

Brussell, 7 ta' Lulju 2026
(OR. en)

10632/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0154(NLE)

ECOFIN 826
UEM 267
FIN 897
EIB
ECB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ġermanja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ġermanja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”) tal-Ġermanja fit-28 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (id-“Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”)². Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta’ Frar 2023³, tat-8 ta’ Diċembru 2023⁴, tas-16 ta’ Lulju 2024⁵, tat-8 ta’ Lulju 2025⁶ u tal-20 ta’ Jannar 2026⁷.
- (2) Fid-29 ta’ Mejju 2026, il-Ġermanja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista’ jinkiseb għalkollox minħabba ċirkustanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, il-Ġermanja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Ġermanja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw ħames miżuri.

² Ara d-dokumenti ST 10158/21 u ST 10158/21 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokument ST 5536/23 INIT fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ Ara d-dokument ST 15572/23 INIT fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁵ Ara d-dokumenti ST 11674/24 INIT, ST 11674/24 COR 1, ST 11674/24 COR 2(sk) u ST 11674/24 ADD1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁶ Ara d-dokumenti ST 10517/25 u ST 10517/25 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁷ Ara d-dokumenti ST 17026/25 u ST 17026/25 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) Il-Ġermanja spjegat li miżura waħda parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb minħabba disponibbiltà limitata ta' soluzzjonijiet tekniċi standardizzati fis-suq. Dan jikkonċerna l-miżura 1.1.6 (Appoġġ federali għal networks effiċjenti għat-tiżnin). Abbażi ta' dak, il-Ġermanja talbet li tiġi emendata dik il-miżura. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (5) Il-Ġermanja spjegat li ġew emendati erba' miżuri biex tiġi implimentata alternattiva aħjar li tippermetti li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi simplifikata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġġettivi tal-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri 2.1.1 (Politika tad-data innovattiva għall-Ġermanja), 2.2.3 (Ċentru ta' Riċerka dwar id-Diġitalizzazzjoni u t-Teknoloġija tal-Bundeswehr), 6.1.3 (Diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni – modernizzazzjoni tar-reġistri) u 7.1.3 (Pjattaforma diġitali għall-ipproċessar tat-talbiet għal awtorizzazzjoni għan-network ewlieni tal-idroġenu). Abbażi ta' dak, il-Ġermanja talbet li jiġu emendati dawk il-miżuri. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (6) Ġew identifikati żewġ żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, li jaffettwaw żewġ objettivi intermedji u miri, u żewġ miżuri taħt żewġ komponenti. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata biex jiġu kkoreġuti dawk l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ppreżentat lill-Kummissjoni fit-28 ta' April 2021, kif miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-Ġermanja. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mal-mira 5 tal-miżura 1.1.1 (Proġetti tal-Idroġenu fil-qafas tal-IPCEIs) taħt il-komponent 1.1 (Dekarbonizzazzjoni bl-użu tal-idroġenu rinnovabbli b'mod partikolari) u l-objettiv intermedju 41 tal-miżura 1.2.7 (Promozzjoni tal-industriji involuti fl-applikazzjonijiet tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil fit-trasport) taħt il-komponent 1.2 (Mobilità li ma tagħmilx ħsara lill-klima). Dawn il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (7) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (8) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (il-klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 44,1 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 48 % tal-kost totali stmat tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

- (9) L-unika miżura li għaliha nbidel l-ikkostjar stmat (1.1.6 Appoġġ federali għal networks effiċjenti għat-tiżhin) ma għandhiex impatt sinifikanti fuq l-ambizzjoni ġenerali tal-RRP rigward it-tranżizzjoni ekoloġika. Il-kontribut għall-klima tal-RRP emendat naqas minn 44,9 % għal 44,1 % meta mqabbel mal-valutazzjoni emendata.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (10) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati mill-Ġermanja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (f), (g), (h), (i), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.

Valutazzjoni pożittiva

- (11) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-oġettivi intermedju, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (12) Il-kost totali stmat tal-RRP emendat tal-Ġermanja huma ta' EUR 30 336 828 678. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Ġermanja, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, li hija allokata għall-RRP emendat għall-Ġermanja, tkun ta' EUR 30 324 665 082. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Ġermanja tibqa' l-istess.
- (13) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jiġi sostitwit kompletament.
- (14) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura relatata mal-ġhoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm tal-Unjoni ħlief għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tirkibx fuq ir-rekwiżit li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

Il-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza emendat għall-Ġermanja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ġermanja huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
